# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru 453/18TA**

**Salvina sive Silvana u Carol konjuġi Montebello**
**vs**
**Direttur Ġenerali (Saħħa) ġja' Tabib Prinċipali tal-Gvern,**
**Onorevoli Ministru tas-Saħħa,**
**Kap Eżekuttiv Sptar Mater Dei,**
**Direttur Kliniku Sptar Mater Dei,**
**Direttur Nursing u Midwifery Sptar Mater Dei,**
**Kirurgu Mario Said**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuarmentat ta' Salvina sive Silvana konjuġi Montebello (l-Atturi) tal-11 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Salvina sive Silvana Montebello Kienet ghamlet intervent kirurgiku gewwa l-isptar Mater Dei nhar il-hmistax (15) ta`Ottubru tas-sena elfejn u hmistax(2017) liema intervent kirurgiku kien jikkonsisti f`*right stapes surgery;*

2. Illi Konsegwenza ta` dan l-intervent u immedjatament wara l-istess interventi r-rikorrenti Salvina sive Silvana Montebello sofriet *right sided facial nerve palsy u right sided blurring of vision* kif kostatat mit-Tabib Kristian Psaila;

3. Illi dan wasal sabiex ir-rikorrenti Salvina sive Silvana Montebello jkollha ammont sinjifikanti ta` *synkinesis* madwar l-ghajn,fl-ghonq u fit-tard tal-halq apparti a *diminished sensation* fil-kornea tal-lemin u dan kif certifikat minn Mr.Robert Nash SpR ENT;

4. Illi r-rikorrenti Salvina sive Silvana Montebello konsegwenza ta`dan l-internvent korriet gravament u qieghda ssofri minn debilita` funzjonali u permanenti;

**5.** Illi fil-fatt,il-konsulent Dr.Malcolm vella ccertifikata illi r-rikorrenti Salvina sive Silvana Montebello qieghda issofri minn **dizabilita permanenti ta` hmistax fil-mija (15%) liema kopja tac-certifikat qieghda tigi hawn esebita,annessa u mmarkata bhala Dok `A`.**

6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti garbet *lucrum cessans*,kagun tal-fatt li,bhala effett dirett ta`l-incident,sofriet debilita permanenti,riskontrata u accertata;

7. Illi konsegwenza ta`dan l-incident,ir-rikorrenti inkorriet ukoll danni emergent (*damnum emergens*) li jinkludu spejjez,fosthom, izda mhux limitament ghal,diversi konsulti ma`tobba,professuri u esperti medici,kif ukoll spejjez ta`medicinali,u telf iehor kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta`din il-kawza;

8. Illi minhabba l-griehi li garrab ir-rikorrenti ghadha tbati sal-gurnata tal-llum minn l-effetti tal-istess incident;

9. Illi **l-konsegwenzi ta` dan l-intervent u tali debilita`sehhet unikament b`tort u/jew negligenza u/jew imperizja,u/jew nuqqas ta`tehid ta`mizuri necessarji taghkom il-konvenuti jew min minnhom;**

10. Illi ghalhekk ghall-istess intervent u ghal hlas tad-danni konsegwenzjali, huma solidament responabbli l-konvenuti jew min minnhom;

11. Illi l-konvenuti ghalkemm debitament interpellati anke permezz ta`ittra ufficjali datata l-ewwel (1) ta`Gunju tas-sena elfejn u sbatax(2017) sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta`danni konsegwenza tal-imsemmi intervent versu r-rikorrent ,baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu intavolati dawn il-proceduri;

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogghobha**:

1. **TIDDIKJARA** illi r-rikorrenti Salvina Sive Silvana Montebello kienet ghamlet intervent kirurgiku gewwa l-isptar Mater dei nhar il-hmistax (15) ta`Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2017) liema intervent kirurgiku kien jikkonsisti f`*right stapes surgery* u konsegwenza ta`dan l-intervent u immedjatament wara l-istess intervent ir-rikorrenti Salvina sive Silvana Montebello sofriet debilita`permanenti u dan unikament b`tort, u/jew negligenza u/jew imperizja,u/jew nuqqas ta`tehid ta` mizuri necessarji jew min minnhom;

2. **TIDDIKJARA** illi l-konvenuti solidament jew min minnhom huma responsabli ghad-debilita `tar-rikorrenti Salvina sive Silvana Montebello;

3. **TILLIKWIDA** d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;

4. **TORDNA** lill-**konvenuti solidament jew min minnhom**,sabiex ihallsu lir-**RIKORRENTI** dik is-somma hekk likwidata,occerendo anke bin-nomina ta`Periti;

   Bl-ispejjez inkluz dawk ta` l-ittri ufficjali,u bl-imghaxijiet;

   L-intimati minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramenata tal-Uffiċjal Mediku Ewlieni, l-Onorevoli Ministru tas-Saħħa, Kap Eżekuttiv Sptar Mater Dei, Direttur Kliniku Sptar Mater Dei, Direttur Nursing u Midwifery u l-Kirurgu Mario Said (il-konevuti) tal-4 ta' Ġunju 2018 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

Illi preliminarjament in-nomenklatura Direttur Generali (sahha) gja Tabib Principjali tal-Gvern illum ma tezistix stante illi gie sorpassata permezz emendi bl-Att dwar is-Sahha.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess l-Onorevoli Ministru tas-Sahha,il-Kap Ezekuttiv Sptar Mater Dei U id-Direttur Nursing u Midwifery ma humiex legittimi kontraditturi stante illi fl-ewwek lok huma ma ghandhomx ir-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha stante illi ma humiex il-Kap tad-Dipartiment u dan ai termini ta`l-artikolu 181B tal-Kodici ta`Organizazzjoni u Procdura Civili kif ukoll ai termini ta ` L-Att dwar is-sahha, u fit-tieni lok fir-rikors taghhom ir-rikorrenti huma cari illi qed jattakaw procedura klinika li sehhet fl-isptar Mater Dei,f`liema procedura had minnhom ma ippartecipa stante illi l-istess procedura hija unikament that ir-responsabbilita u id-diskrezzjoni klinika tal-kirurgu illi ghamilha.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess Carol Montebello ma ghandux *locus standi* f`dawn il-proceduri stante illi is-servizz tas-sahha mehtieg inghata lir-rikorrenta unikament u -ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent hija esklusivament bejn dawn iz-zewg partijiet bl-eskluzzjoni ta`terzi.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet in kwantu vantati kontra il-kirurgu Mario Said,dawn huma ghal kollox infondati kemm fi-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi il-procedura klinika saret *secundum Artem* u kwalsiasi dannu illi allegatament garrbet ir-rikorrenta ma sehhx tort ta negligenza u imperizja da parti ta dan l-intimat.Illi di piu` in kwantu l-allegazzjonijet u pretensjonijet huma diretti versu l-intimati l-ohra,dawn huma wkoll infondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante illi is-servizz illi kellha bzonn ir-rikorrenta inghata f`waqtu u kif misthoqq u Ma kien hemm ebda nuqqas amministrattiv.

Sav eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors tas-smiegħ tal-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Jirriżulta li fil-15 ta' Ottubru 2015 qagħdet għall-operazzjoni kirurġika li tinkkonsisti f'*rigħt stapes surgery*. Din l-operazzjoni saret mill-konvenut Mario Said.

Wara din l-operazzjoni, l-Attriċi bdiet issofri minn *rigħt sided facial palsy* u *rigħt sided blurring of vision* u dan kif ikkonstataw diversi konsulenti li marret għandhom jew ikkonsultat magħhom l-Attriċi. B'konsegwenza ta'

hekk, l-Attriċi issa qed tbati minn kundizzjoni magħrufa bħala *synkinesis* apparti minn problemi oħra f'għajnejha.

Ir-rikorrenti qed tattribwixxi lill-konvenuti bir-responsabbilta' għall-ħsara li ġarrbet u b'mod partikulari lill-konvenut Mario Said. Minħabba dan kollu hija tinsisti li sofriet ħsara ta' natura permanenti li jagħtuha lok li tfittex lill-konvenuti għad-danni, kif fil-fatt qed tagħmel.

**Punti ta' Liġi**

B'din l-azzjoni l-Attriċi kif rappreżentata qed titlob il-ħlas u likwidazzjoni tad-danni li sofriet b'riżultat ta' imperizja da parti tal-Konvenuti jew min minnhom.

Għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbilità tat-tabib, fl-eżerċiżżju tal-professjoni tiegħu, huwa prinċipju stabbilit skont l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra-kontrattwali (ara Artikolu 1032(1)).

Il-liġi taħt il-Kodiċi Ċivili tiddisponi espressament li jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (ara Artikolu 1032(1) predett). Biex jissussisti dan l-att kolpuż minħabba mprudenza jew nuqqas ta' diliġenza "jrid ikun hemm il-prevedibbilita` tal-event dannuż, "'prevedibbilita`' li trid tkun ta'

probbabilitajiet raġjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili." (**Kollez Vol XLVIII.i.258**).

Hu spjegat mill-awturi illi "*negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza*". (**Ara Alpa "La Responsabilita` Civile", Trattato di Diritto Civile, Milano 1999 p. 261 u Franzoni "Le Obbligazioni da Fatto Illecito", Ed. Utet, 2004, p. 42.** U kif ukoll **is-Sentenza fl-ismijiet Maria Elvira Xuereb nomine -vs- Anthony Taylor et datata 25 ta' Ottubru 2013**).

Il-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja "*jissinjifika illi hi mputabbli wkoll l-imġieba ommissiva f'min jonqos li jadotta miżuri ta' kawtela u ta' prudenza għal fini li jkun evitat event dannuż lill-ħwejjeġ ħaddieħor. Kif jinsab ritenut, "quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto."* (ara **Sentenza fl-ismijiet Azzopardi v. Arcicovich et, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1919. U Sentenza Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello et, Qorti Kostituzzjonali, deċiża fit-18 ta' Settembru 2009**).

Fis-sentenza **Vincent Gauċi et vs it-Tabib Ewlieni tal-Gvern et deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Appell** għarfet li "*Illum huwa aċċettat illi*

*r-relazzjoni bejn il-pazjent min-naħa l-waħda u t-tabib u l-isptar jew istitut sanitarju ieħor min-naħa l-oħra hija waħda kuntrattwali* (Ara e.g. **Rose Gauċi et v. Donald Feliċe et, App. 8 ta' Ottubru 2009**). Din ir-relazzjoni tinħoloq bis-saħħa ta' ftehim bejn it-tabib u l-pazjent fil-każ ta' tabib imqabbad privatament mill-pazjent u minn dak li d-dottrina u l-ġurisprudenza taljana jsejħulu "kuntatt soċjali" fil-każ li l-kura tingħata minn tabib impjegat tal-istat fi sptar pubbliku. (Ara e**.g. Cass. Ċiv. Sez. III, 18 ta' Lulju 2013, n.17573**).

Il-fatt illi r-relazzjoni hija kuntrattwali jolqot l-oneru tal-prova fis-sens illi, waqt illi huwa fuq l-attur l-oneru tal-prova tar-relazzjoni tabib-pazjent, tal-ħsara u tar-rabta kawżali bejn il-kura jew intervent u l-ħsara, wara li tkun saret dik il-prova mill-attur tkun tmiss lill-konvenut il-prova li l-kura ngħatat jew l-intervent sar b'ħarsien tar-regoli tal-arti u tal-aħjar prattiċi aċċettati mix-xjenza medika u li ma kien hemm ebda nuqqas jew negliġenza fit-twettiq tal-kura jew intervent.

Irid ikun puntwalizzat li l-obbligazzjoni tat-tabib hija waħda ta' mezzi mhux ta' riżultat, fis-sens illi qatt ma tista' tingħata garanzija li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq. Dan huwa minnu iżda jfisser biss illi n-nuqqas li jintlaħaq ir-riżultat mixtieq ma huwiex waħdu *ipso facto* prova ta' xi ħtija min-naħa tal-konvenut. Min-naħa l-oħra iżda huwa minnu wkoll illi l-obbligazzjoni tat-tabib hija, sa ċertu punt, waħda ta' riżultat, għalkemm fis-sens negattiv, viż,

l-obbligazzjoni li r-riżultat ma jkunx tibdil għall-agħar fil-kondizzjoni tal-pazjent, bħal ma l-atturi jidhru li qed jallegaw li seħħ fil-każ tallum.

Billi l-kwistjoni jekk il-ħsara li ġarbet l-attriċi hijiex riżultat dirett tal-intervent jew hijiex konsegwenza ta' xi kondizzjoni oħra hija kwistjoni ta' natura teknika-medika, l-opinjoni tal-esperti mediċi maħtura mill-ewwel qorti tikseb importanza kbira ukoll jekk mhux bilfors determinanti. Iżda f'dan il-każ l-esperti mqabbda mill-Qorti ma waslux biex jagħtu opinjoni dwar jekk l-*intervener* sarx *secundum Artem* iżda biss il-perċentwalita' tad-debilita' sofferta mill-Attriċi. Il-Qorti pero' tgħid li minn dak li għandha quddiemha xorta waħda tista' tasal għar-responsabbilita o meno tal-konvenuti.

Ġie kemm -il darba diskuss x'għandu jkun il-grad ta' responsabbilita rikjest fil-każ ta' eżerċiżżju ta' sengħa ta' professjonist bħal ma huwa dak fil-kamp mediku fejn il-varjanti ta' deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fl-agonija bħal ma huwa intervent mediku. Kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel dan huwa ħafna aktar suxxettibli għal riżultat li ma jkunx mixtieq minn xi sengħa ordinarja oħra. Altru qed titkellem fuq inċident stradali u altru fuq intervent kirurgiku li huwa aktar kumpless minn narrattiva mekkanika ta' inċident stradali jew fuq il-post tax-xogħol.

Di fatti ġie saħansitra osservat is-segwenti:

*"Ora il riscontro statistico dimostra che la nozione di cola grave viene intesa come evidenti violazione di regole professjonali, errore grosssolano e indiscutibile, propio quando l'indagine relattiva viene svolta in relazione ad*

*un caso concreto straordinario ed eccezzionale si da essere adeguadamente studiato dall scienza.*

*Sicche' l'interpretazione che si e' fatta starada presso iguidici collima con glie orientamenti gurisprudenziali precedenti alla codfiicazione del 1942 secondo i quali l-errore professionale era consoderato una causa d'esonero dalla responsabbilita' a condizione che non si sostanziasse in una evidente e grossolana incompetenza, ossia una colpa grave."* (***Giovanna Visitini, Tartao Breve Della responsabbilita' Civile, Cedam, 1966 pg 234***). Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel din l-emfazi għaliex anke l-ermenawtika ġurisprudenzjali lokali bħal donnha tersaq lejn it-tagħlim.

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jingħad li f'każ ta' interventi kirurgiki mhux la kemm wieħed jadopera l-għodod ordinarji li jipprovdu l-artikoli 1030 u 1031 tal-Kodiċi Ċivili. Għalkekk dawn iż-żewġ artikoli jipprovdu prinċipji importanti li kull min jeżerċita xi sengħa għandu josservaħom, fil-każ tal-kamp mediku dawn jieħdu tifsira partikulari mis-soliti infortuni ta' kuljum.

F'dan ir-rigward il-Professor Geroge Gregory Buttiġieġ josserva validalment dan li ġej b'referenza għall-artikolu 1031 imsemmi:

"*In considering general negligence, this article is easy to apply. A man in a car hits a pedestrian standing on the pavement or a woman cycling carelessly hits a woman hits a woman pushing a pram. In an other case,*

*this same article must be made to apply say to a case where the parents allege obstetric negligence is not performing a ceasarean section with their resultant serious brain damage to their son who now suffers from cerebral palsy.*

*There are however a multitude of serious differences between the medical case and the previous two. Even the very point of departure is different, for whereas the medical case commences with a relationship between the parties and has a beneficence as scope, the nonmedical case involve no relationship at all with the encounter between the parties being casual and void pf intended beneficence or maleficence (hopefully). The nonmedical cases may require corroboration by a witness m whereas in the medical one the relationship has evidence, for example, the medical records with the name of the patient and the doctor. These are but minor differences, althougħ they may be made to flower into significant ones. However, the biggest difference lies in the rationale of assessing the final damage, its causality link and its subsequent allotment of guilt and hence recompense*" (Vide **Profs George Gregory Buttiġieġ, Vol 1, Optimising Maltes Obstetric Medico-Legal Dymanics, Lambet Acadmenic Publishing, pgs 318-319**).

Il-Qorti ħasset li kellha tiċċita minn dan il-ktieb mhux biss għall-kjarezza introduttiva għall-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti iżda għaliex

kif ser naraw, anke l-istat tat-tagħlim sentenzjali tagħna joqrob ħafna lejn din l-osservazzjoni primarja.

Jibda biex jingħad li Karol Montebello jgħid l-konvenut Said "*Qalilha li l-operazzjoni tieħu madwar siegħa u hi operazzjoni li tirnexxi ħafna. … Qalilha wkoll li għalkemm hemm riskju huwa minimu ħafna li tista' tiġri ħsara lill-facial nerve u allura jkun hemm facial palsy. Qal li ċ-ċans li jiġri dan hu 1%.*" (a' fol 27). Dan tikkonfermaħ l-Attriċi fl-affidavit tagħha (a' fol 192). Dan jikkonfermaħ ukoll il-Konvenut Said (a' fol 204). Fi ftit kliem li kien hemm dan ir-riskju ġie rilevat mill-ewwel.

Huwa minnu li kif jirriżulta mill-provi l-Attriċi kienet bejn ħalltejn jekk tagħmilx l-operazzjoni jew inkella xi forma ta' għajnuna ta' smiegħ. B'dan kollu l-attriċi ddeċidiet li toqgħod għall-operazzjoni u mill-"Cosent Form" jirriżulta li fehmet li din l-operazzjoni kienet tinvolvi ċertu riskji (a' fol 79). Għalkemm f'din il-formola ma hemmx referenza għall-possibilita' ta' paraliżi tal-wiċċ, kif ingħad, dan ir-riskju xorta ġie indikat lilhom verbalment kif ammess mill-Atturi stess.

Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar li l-Atturi jridu jimputaw ħtija prinċipali lill-konvenut Said aktar milli lill-konvenuti l-oħrajn. Dan jagħmluħ sal-punt li saħansitra jgħidu, li wara tagħhom kien hemm każ ieħor bħal dan u dan kif ammetta magħhom il-konvenut Said (a' fol 194). Iżda l-konvenut Said jixhed li ma kellux każ ieħor bħalu la qabel u lanqas wara. (a' fol 211). L-anestetista Mr Joe Zarb Adami mistoqsi jekk kienx jaf b'xi każ ieħor iwieġeb

"*Le. Qatt ma kont konoxxenti ta' dan il-fatt. L-ewwel darba li qed nisma' mingħandek għax li kieku kont ninkwieta ħafna aktar*" (a' fol 325B). B'dana kollu minkejja din ix-xilja, l-Atturi baqgħu ma ġabu ebda prova f'dan ir-rigward ħaġa li setgħu jagħmlu kieku riedu billi jħarrku lill-Awtoritajiet kompetenti.

Il-Konvenut Said jgħid li kien ilu jagħmel dawn l-operazzjonijiet ħamsa u għoxrin (25) sena u li bejn wieħed u ieħor kien għamel tlett mija u sebgħin (370) minnhom u l-uniku każ li qatt kellu (a' fol 205 u a' fol 358 tergo). Għadu jagħmel operazzjoni kull tlett (3) ġimgħat u bl-istess apparat (a' fol 295). Dan jispjega li m'għandux spjegazzjoni għal *facial paralysis* għaliex l-għadma li tipproteġi n-nerv ma ntlaqtitx u għadha ntatta. (a' fol 208 u 210).

Il-Qorti fehmet li għalkemm dawn huma operazzjonijiet li jsiru ta' kuljum, kif *del resto* anke jammetti l-konvenut Said, dejjem jibqgħu ċerti riskji. Operazzjoni fuq ġisem ta' bniedem ma tipprestax l-istess narrattiva mekkanika ta' inċidenti oħrajn għaliex fiha nniffisha tippreżenta ċertu problemi li huma endemiċi biss għall-professjoni medika.

Dan jirrikorri ħafna meta tabib jew kirurgu jiġi wiċċ imbwiċċ ma' sitwazzjoni li jrid jieħu deċiżjoni mingħjar ma jistenna mhux bħal meta tkun qed tinnaviga fit-tiswija ta' vettur jew meta dak li jkun għandu l-lussu li jwarrab l-għodda biex jaħseb aħjar jew waqt li qed isuq jagħmel manuvra riflessiva. F'dan ir-rigward intqal li "*A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on different footing to a charge of*

*negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear."* Kliem attribwibbli lil Lord Denning fil-każ Ingliż **Hucks v. Cole, deċiża fl-1969.**

Jista' jkun li d-deċiżjoni li jieħu tabib fl-agonija tal-pazjent ma tkunx l-aħjar waħda li kellha tittieħed, iżda dan fih inniffsu ma hux ta' attrazzjoni għall-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Fis-Sentenza fl-ismijiet **Tessie Ellul et vs Dr. Astrid Camilleri numru 2653/1999 deċiża fid-29 ta' April 2008**, il-Qorti tal-Appell trattat il-livell ta' responsabbilita` tat-tobba fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom billi ingħad; "… *filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu aġixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li ġara xi ħaġa ħażina waqt l-intervent kirurġiku, xi ħaġa jiġifieri mhux mistennija li sseħħ f'operazzjoni ta' dik ix-xorta*".

Il-konvenut Said qal li kien hemm 1% ċans tal-*palsy*. Veru perċentwal żgħir, iżda qalulhom. Fir-rigward ta' riskji f'operazzjoni bħal din Dr Eric Farruġia jispjega "*Issa int qed tagħmel operazzjoni fil-widna u dan in-nerv li jgħaddi mill-widna huwa wieħed mill-kumplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu*" (a' fol 347 tergo u ara wkoll ittra tal-Prof Shakeel Saeed datata 16 ta' Awwissu 2018 a' fol 46). Ikompli jgħid li x-xogħol huwa wieħed delikat u joqgħodu attenti b'sebgħa mitt għajn għax ebda surgeon ma jrid jagħmel ħsara (a' fol 348). Mr Melvyn Gouder jispjega "… *u dan in-nerv <u>huwa dejjem suxxettibbli</u>*

*<u>li jiġi milqut</u> u jiġi imbagħad paralised u ovvjament dawn li qed nara jien min-naħa tiegħu huma b'konsegwenza ta' hekk … Jintlaqat għaliex tant huwa nerv irqieq u fin u jgħaddi qrib ħafna strutturi tal-widnejn li meta ssir operazzjoni fuq il-widjen <u>jista' jintlaqat faċli</u>"*. (Emfażi tal-Qorti a' fol 329B). Għal darba oħra Mr. Eric Farruġia, Speċjalista ENT jgħid li f'operazzjoni bħal din, ħaġa bħal din tista' tinqala' (a' fol 253).

Għalhekk il-Qorti trid tkun konvinta li dak li ġara lil dan in-nerv tassew kien il-frott ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' professjonalita' da parti tal-konvenut Said li kif rajna ilu jipprattika dawn ix-xorta ta' operazzjonijiet għal ħamsa u għoxrin (25) sena mingħjar qatt ma kellu każ bħal dan. Kif jirriżulta mill-provi l-operazzjoni bħala tali rnexxiet għaliex l-udit tal-Attriċi tjieb.

**Fis-Sentenza fl-ismijiet Victor Savona pro et noe vs. Dr. Peter Asphar, deċiża fit-2 ta' April, 1951**, intqal li l-professjonist m'għandux iwieġeb għal kull żball. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet li, "*Il-professjonista ma hux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, <u>ammenoke' dan l-iżball ma jkunx grossolan</u>, u ammenoke' il-ħtija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' 'bonus paterfamilias'. U kompliet, "jekk l-iżball jieħdu (kirurgu) għaliex ma jkunx eżamina l-każ kif imissu, u l-eżami jsir b'negliġenza, allura huwa responsabbli għall-konsegwenzi tal-iżball tiegħu. Dwar il-grad ta' diliġenza li professjonist bħat-tabib għandu juża, il-ġurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad għoli ta' diliġenza, iżda dik normali*

*li wieħed jistenna minn professjonist tal-affari tiegħu. Dak li hu mistenni minn tabib hu li jżomm ruħu aġġornat bl-avvanz tal-mediċina, u fil-każ konkret li jkollu quddiemu, jeżerċita d-diliġenza li professjonist ordinarju bħat-tabib in kwistjoni kien jeżerċita. It-test hu neċessarjament oġġettiv, fis-sens li wieħed għandu jara kif kien jeżerċita l-mezzi tiegħu professjonist normali, bid-'degree of skill' li suppost għandu t-tabib partikolari; però darba determinat dan il-livell, it-tabib ikun mistenni li jaqdi dmiru skont l-'accepted standard practice.' Il-fatt li t-tabib inzerta f'dik l-okkażjoni, li kellu ħafna xogħol, u kien għajjien, bl-ebda mod ma tnaqqas mid-drittijiet tal-pazjent."* Emfażi tal-Qorti).

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Carmen sive Charmaine Ebejer vs. Dr. Ivan Vella et, P.A. M.C. deċiża fit-30 ta' April, 2013** il-Qorti siltet il-ġurisprudenza lokali dwar is-suġġett in materja. Il-Qorti f'dik is-sentenza, iċċitat lil Laurent, li jgħid, "*Il danno è sempre sventuratamente troppo certo in conteste deplorevoli controversie; quanto al colpa, il tribunale dovrà apprezarla' ... non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilità professionale fà d'uopo che taluna abbia commesso una colpa, non usando la voluta vigilanza sopra se medesimo o sui propri atti o dando prova di una ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando dei pari alla gustizia e al diritto tutto quanto loro appartiene."*

Dr. Joe Zarb Adami, l-anestetista li assista lill-konvenut Saliba waqt l-operazzjoni jiftakar lill-konvenut jgħidlu li ma setax jifhem x'ġara għaliex kien għamel kollox kif suppost (a' fol 323A tergo). Dan it-tabib jgħid ukoll is-sħana żejda mill-apparat tista' ukoll tkun il-kawża (a' fol 323C tergo). Rigward dan il-punt il-konvenut Said jispjega li "*meta għandek drill qed idur jiġġenera s-sħana minħabba l-friction pero' ma nistax ngħid li kien hemm ħsara fl-apparat għaliex l-apparat intuża sussegwentement u għadu jintuża sal-lum*" (a' fol 289). Iżda din ma hiex it-tip ta' sħana li tkun palpabbli għaliex dan id-drill huwa rqiq daqs xagħra u l-operazzjoni tkun qed issir b'mod mikroskopiku għall-aħħar f'żona żgħira tal-widnejn (a' fol 212 u 291).

Minn dan kollu jirriżulta li grad tal-iżball, fil-każ ta' tabib irid ikun wieħed grossolan bħal dak it-tabib li kkonfonda sieq li qed tikkankra ma' ksur tal-għadam, biex meta għamillu l-ġibs kull ma għamel kien li aċċeleralu l-gangrena biex kellhom jaqtgħulu saqajħ.

Fi kliem poveri jfisser, li żball ta' tabib irid ikun grossalan u ċioe' żball ta' ħmar u li wera nkompetenza grossolana. Li ma kienx hekk, kieku ebda tabib ma hu ser jidħol għal xogħol ta' operazzjonijiet bħal dawn. Ġisem il-bniedem huwa organu kumpless u kkumplikat u jippreżenta xenarju għall-kollox uniku kull darba. Għalhekk dak li hu mistennni li jagħmel tabib hu, li jagħmel dak kollu li huwa umanament possibbli b'dik id-diliġenza meħtieġa fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu. Jekk il-persuna li tagħmel azzjoni ma

jirnexxiliex tressaq il-grad ta' prova biex jiġi stabbilit zball grossolan, allura l-azzjoni tfalli.

Fil-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti hija moralment konvinta li ħadd mill-konvenuti m'għandomx iwieġbu għall-ilment tal-Attrici, li wħud minnhom ser ikunu qegħdin jiġu lliberati mill-osservanza.

Kwantu għal-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuti għandhom raġun li jgħidu li l-Onorevoli Ministru tas-Saħħa, il-Kap Eżekuttiv ta' Mater Dei u d-Direttur tan-Nursing u Midwifery, fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 181B ma humiex leġittimi kontradITturi u għalhekk ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' it-tieni** eċċezzjoni tal-konvenuti.

**Tiċħad it-talbiet** Attriċi kollha u **tillibera** mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenuti, Onorevoli Ministru tas-Saħħa, Kap Eżekuttiv Sptar Mater Dei, Direttur Kliniku Sptar Mater Dei u Direttur Nursing and Midwifery Sptar Mater Dei.

Spejjeż fiċ-ċirkostanżi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**